# ID-DAWL

NOVEMBRU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 47

“Il-Ġenna tinsab taħt saqajn ommijietkom.”



Id-Dmirijiet tal-Irġiel | Is-Sempliċità tan-Nisa | Ir-Raġel bħala Gwardjan | Imħabba lejn il-Ġenituri

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# ITTRATTAW LIN-NISA TAJJEB

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

F'dawn l-aħħar snin rajna ż-żieda fir-rapporti tal-vjolenza domestika flimkien maż-żieda sostanzjali ta' koppji li fittxew is-separazzjoni. Skont in-Nazzjonijiet Uniti, waħda minn kull tliet nisa taffaċċja xi tip ta' vjolenza domestika tul ħajjitha. Naħseb li nistgħu nbiddlu din is-sitwazzjoni ħażina f'relazzjonijiet mill-isbaħ, tal-ħbiberija u tal-kompassjoni. Il-kliem tal-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem għalih) f'dan ir-rigward imiss il-qalb. Huwa qal: **"Tbissima hija karità. Kelma ġentili hija karità. Kull għemil tajjeb huwa karità. Li tippromwovi r-rieda tajba hija karità."**

Jekk kemm ir-raġel kif ukoll il-mara japplikaw din il-filosofija li jżidu t-tbissim fuq wiċċhom, din waħedha tista' tiggarantixxi s-saħħa ta' żwieġhom. It-tbissim huwa fwieħa li tagħti bixra freskanti, ħajja u preżentabbli lill-atmosfera sħiħa tad-dar. F'ħafna każijiet tal-abbuż domestiku, hija l-mara li tkun il-vittma. Għalhekk, ir-raġel għandu jieħu l-inizjattiva u b'hekk għandu jkun hu li joffri s-sodisfazzjon u s-serħan il-moħħ lill-mara tiegħu. Biex iwiddeb lill-irġiel, il-Koran Imqaddes jafferma li: **"Ittrattawhom (lin-nisa) tajjeb; u jekk idejqukom, jista' jkun li qed iddejjaqkom xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ħafna tieba."** (4:20)

Fl-edizzjoni preċedenti ddiskutejna s-suġġett tal-qagħda tan-nisa fl-Iżlam, u nkomplu dan is-suġġett f'din l-edizzjoni wkoll.

## ID-DAWL

Novembru 2021 – Numru 47 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | Tel: 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Misinterpretation of a Hadith | 03 |
| Duties of men and women | 04 |
| Simplicity of Women | 05 |
| Husband as a Guardian | 06 |
| Love towards Parents | 07 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Bogdan Sonjachnyj | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-QAGĦDA TAN-NISA FL-IŻLAM

## INTERPRETAZZJONI ŻBALJATA TA' HADITH DWAR IN-NISA FL-INFERN

Il-*Hadith* (id-Diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad[saw]) li jsemmi l-abbundanza tan-nisa fl-infern ġie miżinterpetat minn ħafna nies. Dak id-Diskors bl-ebda mod ma jfisser li se jkun hemm aktar nisa fl-infern; anzi, il-Qaddis Profeta Muħammad[saw] qal: **"Intwerejt l-infern u rajt li hemm abbundanza ta' dawk in-nisa li wrew ingratitudni ma' żwieġhom."**

Dan ifisser li l-maġġoranza tan-nisa, li kienu l-infern minħabba l-għemejjel ħżiena tagħhom, kienu dawk li kienu ingrati ma' żwieġhom.

B'hekk, l-ewwel nett, dan id-Diskors ma jfissirx li se jkun hemm aktar nisa milli rġiel fl-infern. It-tieni, ir-raġuni għala dawk in-nisa se jkunu fl-infern ġiet imsemmija. Huma dawk in-nisa li għal diversi drabi jiċħdu l-barkiet ta' Alla Omnipotenti, li Huwa jkun xeħet fuqhom permezz ta' żwieġhom.

B'kuntrast ma' dan kollu, f'Diskors ieħor ingħatat l-aħbar li l-ġenna tinsab taħt saqajn in-nisa devoti u twajba **["Il-Ġenna tinsab taħt saqajn ommijietkom"]**, u ma nsibu l-ebda referenza ta' dan għall-irġiel f'Diskorsi oħra.



Halit Omer | Shutterstock

# ID-DMIRIJIET TAL-IRĠIEL U N-NISA



Elvirchik Abdrahmanova | Shutterstock

Barra minn hekk, l-Iżlam ta ċerti drittijiet lill-irġiel u lin-nisa u assenjalhom ċerti dmirijiet skont it-temperament tagħhom. Obbliga lir-raġel biex jaħdem u jaqdi l-ħtiġijiet kollha tad-dar u obbliga lill-mara biex tħares id-dar u t-tfal u tieħu ħsieb it-trobbija tagħhom.

Fi kliem ieħor, ir-raġel intgħażel biex jaħdem barra mid-dar skont il-ħiliet tiegħu filwaqt li l-mara ngħatat it-tmexxija tad-dar b'konformità man-natura tagħha u ħabba d-dinjità tagħha. M'hemm l-ebda lok għad-dubju fil-Hadith (Diskors) tal-Qaddis Profeta Muħammad[saw] li n-nisa huma b'xi mod aktar dgħajfa fejn tidħol il-fidi u s-saħħa mentali għaliex dan id-diskors jaqbel eżatt man-natura tan-nisa.

Fejn għandha x'taqsam il-fidi, il-Qaddis Profeta Muħammad[saw] innifsu fisser dan billi qal li l-mara tul għadd ta' ġranet fl-adolexxenza tagħha tkun sollevata minn kull tip ta' adorazzjoni. Jekk naħsbu ftit, nirrealizzaw li din ukoll hija barka ta' Alla Omnipotenti fuqha.

# IS-SEMPLIĊITÀ TAN-NISA

Id-diskors li jirrigwarda d-dgħufija tas-saħħa mentali mhuwiex intiż biex jiddisprezza; pjuttost, huwa jirreferi għas-sempliċità u l-kredulità tan-nisa. Il-prova tal-fatt li n-nisa jemmnu kollox jagħtuhielna huma stess f'din id-dinja moderna.

Il-mod ta' kif il-bniedem tal-Punent inqeda ħażin min-nisa billi offrielhom id-delużjoni tal-libertà huwa ċar ħafna u huwa prova tal-verità li hemm fid-diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad[saw], il-magħżul, l-iktar wieħed sinċier fost kulħadd. L-irġiel qaċċtuha mill-ħarsien ta' darha u tefgħuha fis-suq biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Filwaqt li l-Iżlam tefa' r-responsabbiltà tal-qligħ tal-ħobżna ta' kuljum fuq l-irġiel, l-irġiel ittrattawha ħażin u użaw il-kredulità tagħha billi ddelegaw u poġġew ir-responsabbiltà finanzjarja tagħhom fuqha.

B'hekk, hija trid taħdem bħall-irġiel f'postijiet fejn hija trid tiddilja ma' kull tip ta' rġiel li xi kultant iħarsu lejha minn diversi angoli biex jissodisfaw il-pjaċir tagħhom.


Serhii Brovko|Shutterstock

Jekk wieħed jifli sew is-sitwazzjoni, wieħed jinduna li l-affermazzjoni tad-dinja tal-Punent dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija pretensjoni falza.

Bilkemm hemm pajjiż wieħed fid-dinja tal-Punent fejn hemm numru ugwali ta' rġiel u nisa fis-sistema parlamentari li tħaddem il-magna tal-gvern. Fl-istess pajjiżi tal-Punent, f'għexieren ta' postijiet, il-pakketti finanzjarji li jingħataw lill-irġiel ġeneralment ma jingħatawx lin-nisa li jwettqu l-istess ħidma. Dawn l-affarijiet kollha juru b'mod ċar is-sempliċità u l-kredulità tan-nisa.

## IR-RAĠEL BĦALA GWARDJAN

Fejn għandu x'jaqsam id-dikjarar tar-raġel bħala *qawwam* (protettur jew *guardian*) mill-Koran Imqaddes, il-Koran Imqaddes innifsu jagħti l-ispjegazzjonijiet. Raġuni waħda hija li biex titmexxa s-sistema tal-familja, parti waħda bilfors li trid tingħata l-jedd fuq l-oħra. Raġuni oħra li tissemma hija li r-raġel irid jgħajjex lil martu minn ġidu.

Ir-raġunament wara l-fatt li parti waħda trid tmexxi lill-oħra huwa konformi eżattament man-natura umana l-għaliex jekk inħarsu lejn it-tqassim fid-dinja, insibu ordni soċjali fejn kulħadd b'xi mod qiegħed fuq ħaddieħor.

Kieku kulħadd fid-dinja kien ugwali jew ejja ngħidu kieku kulħadd kien re, is-sistema tad-dinja ma tiffunzjonax, lanqas għal ġurnata waħda. B'hekk, Alla Gglorifikat sawwar lil xi wħud iqsar u oħrajn itwal, xi wħud ogħna u xi wħud ifqar.

Naraw li l-pajjiżi kollha għandhom kabinett biex imexxi s-sistema tal-gvern. Kieku n-nies kollha ta' pajjiż jiffurmaw il-kabinett, dak il-pajjiż ma jkunx jista' jiffunzjona.

Bl-istess mod, biex wieħed imexxi l-affarijiet fid-dar, Alla Gglorifikat ta relattivament aktar awtorità lill-irġiel. Madanakollu, fejn il-kap ta' gvern jew tal-kabinett għandu aktar awtorità, għandhom ukoll relattivament aktar obbligazzjonijiet.

Hekk ukoll, l-Iżlam assenja aktar obbligazzjonijiet lir-raġel. B'hekk, f'termini ta' drittijiet u responsabbiltajiet tal-irġiel u tan-nisa, is-sistema Iżlamika mxiet fi qbil man-natura u m'hemmx toqob fiha. (*Al Hakam*, 13 ta' Novembru 2020)

# IMĦABBA LEJN IL-ĠENITURI

Il-ġenituri huma parti integrali ta' kull familja umana. Bħal kull bniedem ieħor, il-ġenituri tagħna wkoll jixtiequ li jgħixu mal-familji tagħhom, partikularment fix-xjuħija tagħhom.

Naraw li hemm ħafna ġenituri li jgħixu fid-djar tal-anzjani, għax ma kellhom l-ebda għażla oħra.


Artisticco | Shutterstock

Imma, jekk ikollhom għażla, ħafna minnhom żgur jippreferu li jgħixu mat-tfal u man-neputijiet tagħhom, fid-dar tal-familja. Huwa minħabba l-fatt li l-bniedem naturalment jixtieq jgħix ma' dawk li jħobbuhom b'tant passjoni u b'kumpassjoni enormi, minn qalbhom.

Meta nħarsu lejn ir-reliġjonijiet u s-soċjetajiet ċivilizzati, nindunaw li kollha kemm huma taw importanza kbira għar-rispett lejn il-ġenituri. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"U aħna amarna lill-bniedem biex ikun ħanin mal-ġenituri tiegħu."** (Il-Koran, 46:16)

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes li huwa obbligatorju li nieħdu ħsieb il-ġenituri tagħna, u dejjem nittrattawhom b'mod ġentili.

**Sidek amar, "Uru tjieba lejn il-ġenituri. Jekk xi ħadd minnhom, jew it-tnejn li huma, jixjieħu miegħek, qatt tgħidilhom kliem iebes jew ta' stmerrija, iżda indirizzahom bil-ħlewwa. U b'umiltà u tenerezza itlob: Sidi, ħenn għalihom bħalma rabbewni meta kont żgħir."** (Il-Koran, 17:24-25)

Alla jrid minna li nieħdu ħsieb tajjeb lill-ġenituri tagħna bl-istess mod li l-ġenituri kienu jieħdu ħsiebna meta konna tfal; meta konna dgħajfa, meta ma stajniex nieħdu ħsieb tagħna nfusna, kienu l-ġenituri tagħna li pprovdewlna kumdità, imħabba u kompassjoni. Issa, huma dgħajfa u allura rridu nkunu grati lejhom u nipprovdulhom imħabba u kumdità.

Għax, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li, **"min ma jiżżix ħajr lin-nies, lanqas ma jiżżi ħajr lil Alla"**.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**